

Mejju 2017

## Kif għandha tkun identifikata sustanza li tinkludi solvent stabilizzanti

### Introduzzjoni

Il-perossidikarbonat tad-dietil huwa mmanifatturat bħala soluzzjoni ta' 18 % f'isododekan. L-isododekan huwa solvent miżjud biex jistabilizza l-perossidikarbonat tad-dietil kontra l-karatteristiċi splussivi tiegħu.

### Kompożizzjoni

Is-sustanza hija mmanifatturata bil-kompożizzjoni li ġejja:

Kostitwenti	Firxa ta' konċentrazzjoni (%)	Konċentrazzjoni tipika (%)
perossidikarbonat tad-dietil	15 – 27	18
isododekan	73 – 85	82

Skont id-definizzjoni tas-sustanza f'REACH, solventi li jistgħu jkunu separati mingħajr ma tkun affettwata l-istabbiltà tas-sustanza jew tinbidel il-kompożizzjoni tagħha ma għandhomx jitqiesu bħala parti minn sustanza.

Madankollu, f'dan il-każ, l-isododekan qed jaġixxi bħala addittiv stabilizzanti. Għalhekk, l-isododekan jitqies bħala parti mis-sustanza.

Is-sustanza għandha tkun irreġistrata bħala s-soluzzjoni bil-konċentrazzjoni l-iktar baxxa ta' isododekan li jiggarrantixxi trattament sigur (tipikament, 82 % (w/w)).

### Identifikazzjoni

Kif iddikjarat fil-*Gwida għall-identifikazzjoni u l-ġoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP*, l-addittivi jikkontribwixxu għall-kompożizzjoni iżda mhux għall-ġoti tal-isem lil sustanza. Għalhekk, l-isododekan għandu jkun eskluż mill-ġoti ta' ismijiet, u s-sustanza tingħata isem bħala sustanza monokostitwenti, kif ġej:

Isem EC: perossidikarbonat tad-dietil  
isem IUPAC: 1,1'-[peroxybis(carbonyloxy)]diethane

Mejju 2017

## Rapportaġġ

### Taqsim 1.1 ta' IUCLID

Inventory	Inventory number	Inventory name
EC Inventory	238-707-3	diethyl peroxydicarbonate
CAS number	CAS name	
14666-78-5		
IUPAC name		
1,1'-[peroxybis(carbonyloxy)]diethane		

Figura 1: Ritratt tal-iskrin tat-Taqsima 1.1 ta' IUCLID. Il-perossidikarbonat tad-dietil huwa rrapportat bħala l-isem tas-sustanza fit-Taqsima 1.1 ta' IUCLID.

### Taqsim 1.2 ta' IUCLID

**Degree of purity** ^

15 27 % (w/w) ...

**Constituents** ^

1,1'-[peroxybis(carbonyloxy)]diethane / 1,1'-[peroxybis(carbonyloxy)]diethane / 14666-78-5 / 238-707-3, 18.0 % (w/w), 15.0 - 27.0 % (w/w)


**Impurities** ^

**Additives** ^

Isododecane / Isododecane / 31807-55-3 / 250-816-8, 82.0 % (w/w), 73.0 - 85.0 % (w/w)

Figura 2: Ritratt tal-iskrin tat-Taqsima 1.2 ta' IUCLID. Il-perossidikarbonat tad-dietil huwa rrapportat bħala l-kostitwent (prinċipali) u l-isododekan bħala addittiv fit-Taqsima 1.2 ta' IUCLID.

Mejju 2017



Reference substance  
Isododecane / Isododecane / 31807-55-3 / 250-816-8

Inventory	Inventory number	Inventory name
EC Inventory	250-816-8	isododecane

CAS number	CAS name
31807-55-3	

IUPAC name  
Isododecane

Typical concentration  
82.0 % (w/w)

Concentration range  
73.0 - 85.0 % (w/w)

Function  
stabiliser: other

Details of function in composition  
Isododecane is a solvent added in order to stabilize against the explosive properties of diethyl peroxydicarbonate

Figura 3: Ritratt tal-iskrin għall-addittiv. Il-funzjoni stabilizzanti tal-isododekan għandha tkun speċifikata taħt il-qasam "Addittivi".

## Informazzjoni analitika

Ix-xogħol analitiku kollu għandu jsir fuq is-sustanza bl-istess kompożizzjoni bħal dik irrappurtata fit-Taqsima 1.2. F'dan il-każ, dan ifisser li sustanza jkollha l-kompożizzjoni li ġejja:

- 15 – 27 % (w/w) perossidikarbonat tad-dietil
- 73 – 85 % (w/w) isododekan

L-informazzjoni analitika hija mehmuża fl-oqsma rilevanti tat-Taqsima 1.4 ta' IUCLID.